

**KONFERENZA DWAR L-ADEŻJONI
MAL-UNJONI EWROPEA
– UKRAJNA –**

**Brussell, 10 ta' Lulju 2026
(OR. en)**

AD 50/26

LIMITE

CONF-UA 12

DOKUMENT TA' ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
- Ġabra 6 – Relazzjonijiet esterni

NEGOZJATI TAL-ADEŻJONI

Ukrajna

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UE

(b'segwitu għall-Pożizzjoni ta' Negożjar tal-Ukrajna AD 35/26 CONF-UA 9)

Ġabra ta' Negożjati: 6

Relazzjonijiet esterni

Inkluż il-kapitoli 30 – Relazzjonijiet esterni, 31 – Politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Ukrajna dwar l-adeżjoni (AD 9/24 CONF-UA 2), u hija soġġetta għall-prinċipji ta' negozjar approvati fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa mill-Ukrajna jew l-UE dwar kapitolu speċifiku tan-negozjati bl-ebda mod ma hija ser tippreġudika l-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitolu oħrajn;
- ftehimiet li jintlaħqu matul in-negozjati dwar kapitolu speċifiċi, anki dawk parzjali, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala finali qabel ma jkun intlaħaq ftehim ġenerali għall-kapitolu kollha;

kif ukoll għar-rekwiżiti stipulati fil-punti 5, 12, 42, 49, 50, 51 u 52 tal-Qafas ta' Negozjar.

L-UE tteġġeg lill-Ukrajna tkompli bil-proċess ta' allinjament mal-acquis tal-UE u bl-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu, u b'mod ġenerali tiżviluppa diġà qabel l-adeżjoni, politiki u strumenti li jkunu kemm jista' jkun qrib dawk tal-UE.

L-UE tinnota li l-Ukrajna, fil-pożizzjoni tagħha AD 35/26 CONF-UA 9 taċċetta l-acquis tal-UE taħt il-Ġabra 6 kif inhu fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2026 u li ser tkun lesta timplimentah sad-data tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea.

1. Kapitolu 30 – Relazzjonijiet esterni

L-UE tinnota l-allinjament parzjali tal-Ukrajna mal-acquis tal-UE fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni. L-UE tistieden lill-Ukrajna tiżgura li l-kapaċità amministrattiva meħtieġa tkun fis-seħħ biex tinforza l-implimentazzjoni tal-politika u tiżgura li l-ftehimiet internazzjonali tagħha jinġiebu f'konformità mal-acquis tal-UE, u li l-leġiżlazzjoni kollha tal-UE applikabbli direttament fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni tal-UE tiġi applikata b'mod effettiv sad-data tal-adeżjoni. L-UE tinnota l-impenn tal-Ukrajna li tallinja l-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment tagħha mal-acquis tal-UE sad-data tal-adeżjoni. L-UE tistieden lill-Ukrajna tikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea fuq il-bidliet kollha fil-politika kummerċjali fil-perjodu ta' qabel l-adeżjoni u tallinja ruħha mal-politiki u l-pożizzjonijiet tal-UE fir-rigward ta' pajjiżi terzi u fl-organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

L-UE tissottolinja li hija r-responsabbiltà tal-Ukrajna li tiżgura li fil-mument tal-adeżjoni l-**ftehimiet internazzjonali** kollha tagħha, u b'mod partikolari kull ftehim relatat mal-kummerċ u kull trattat bilaterali ta' investiment bejn l-Ukrajna u pajjiżi terzi, ikunu f'konformità mal-acquis. L-UE tfakkar li l-Ukrajna ser tkun meħtieġa ttemm il-ftehimiet bilaterali eżistenti kollha bejn l-Ukrajna u pajjiżi terzi, u l-ftehimiet internazzjonali l-oħra kollha konklużi mill-Ukrajna li huma inkompatibbli mal-obbligi tas-sħubija fl-UE u b'mod partikolari l-kompetenza esklużiva tal-UE għall-Politika Kummerċjali Komuni.

L-UE tilqa' l-impenn tal-Ukrajna li tiddenunzja l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles kollha tagħha fl-intier tagħhom sad-data tal-adeżjoni u li tiżgura li l-ftehimiet kollha dwar il-kummerċ, l-investiment u l-kooperazzjoni ekonomika u ftehimiet oħrajn rilevanti jinġiebu f'konformità mal-acquis. L-Ukrajna mistiedna żżomm lill-UE infurmata dwar il-kontenut ta' kwalunkwe negozjat f'dan ir-rigward ma' pajjiżi terzi u tikkoordina mill-qrib kwalunkwe negozjat bħal dan mal-Kummissjoni. L-UE tieħu nota tal-impenn tal-Ukrajna li kwalunkwe ftehim ġdid relatat mal-kummerċ li l-Ukrajna tista' tikkonkludi ma' pajjiż terz minn issa sad-data tal-adeżjoni għandu jinkludi dispożizzjoni li tippermetti lill-Ukrajna ttemm il-ftehim, qabel l-adeżjoni, mingħajr il-ħtieġa ta' kumpens ta' kwalunkwe tip mill-UE. L-UE tinnota li l-Ukrajna għandha tapplika t-tariffa doganali komuni tal-UE għall-prodotti kollha u l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ tal-UE fis-servizzi, mill-jum tal-adeżjoni.

L-UE tinnota l-allinjament parzjali tal-Ukrajna dwar il-**kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju**. L-UE tistenna li l-Ukrajna ssaħħa it-tħejjija tal-persunal tagħha biex tapplika r-regoli tal-UE b'mod effettiv f'dan il-qasam diġà qabel l-adeżjoni. L-UE tenfasizza wkoll l-importanza li l-Ukrajna tallinja kontinwament il-qafas legali tagħha mad-dispożizzjonijiet li fadal tar-Regolament (UE) 2021/821 dwar **oġġetti b'użu doppju**. Mil-lat ta' reġimi internazzjonali għall-kontroll tal-esportazzjoni, l-UE tieħu nota li l-Ukrajna hija membru tal-**Ftehim ta' Wassenaar**, il-Grupp Awstralja, il-Grupp ta' Fornituri Nukleari (NSG) u s-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (MTCR). L-Ukrajna jeħtieġ ukoll li tapplika r-regoli tal-UE għall-appoġġ uffiċjali għall-kreditu għall-esportazzjoni u tiżgura infurzar effettiv tal-miżuri għad-difiża tal-kummerċ tal-UE fil-mument tal-adeżjoni.

L-UE tinnota li ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni li tirregola l-**iskrinjar tal-investment dirett barrani (IDB)** fl-Ukrajna u tilqa' l-impenn tal-Ukrajna li tadotta leġiżlazzjoni ġdida li tallinja mar-regoli tal-UE f'dan il-qasam. L-UE tissottolinja l-importanza li l-Ukrajna tallinja ruħha mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/452 dwar l-iskrinjar tal-IDB – inkluż kwalunkwe reviżjoni futura kif prevista fil-Proposta tal-Kummissjoni għal regolament ġdid dwar l-iskrinjar tal-investimenti barranin ta' Jannar 2024.

L-UE tinnota li fil-qasam tal-**istrumenti tal-politika barranija**, l-Ukrajna ilha mill-2003 parti għall-**Proċess ta' Kimberley** f'isimha stess, u li l-qafas legali nazzjonali tagħha li jirregola l-kummerċ fid-djamanti huwa f'konformità mal-Iskema ta' Ċertifikazzjoni tal-Proċess ta' Kimberley (KPCS). L-UE tinnota wkoll li mid-data tal-adeżjoni mal-UE, l-Ukrajna ser issir membru tal-KPCS taħt is-sħubija fl-UE u mhux ser tibqa' membru tal-KPCS f'isimha stess kif inhi llum. L-UE tinnota l-pjan tal-Ukrajna li tistabbilixxi awtorità tal-Unjoni tal-Proċess ta' Kimberley. L-UE tieħu nota li l-Ukrajna mhijiex allinjata mal-acquis tal-UE dwar il-**għlied kontra t-tortura**. L-UE tissottolinja l-importanza li l-Ukrajna tallinja b'mod sħiħ mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/125 dwar il-għlied kontra t-tortura, u tfakkar fil-ħtieġa ta' infurzar effiċjenti tar-regoli li jrid jiġi żgurat fil-mument tal-adeżjoni.

L-UE tinnota li fil-qasam tal-**politika tal-azzjoni għall-iżvilupp**, l-Ukrajna hija impenjata favur il-politika u l-prinċipji tal-UE li jiggwidaw is-sħubijiet internazzjonali tagħha. L-UE thegħgeġ lill-Ukrajna tistabbilixxi qafas legali li jkopri l-kooperazzjoni internazzjonali u l-politika tal-iżvilupp li jkun konformi mal-politika u l-prinċipji tal-UE, inkluż it-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-istabbiliment ta' aġenzija għall-iżvilupp.

L-UE tinnota li fil-qasam tal-**politika dwar l-għajnuna umanitarja**, l-Ukrajna tintrabat mal-politika u l-prinċipji tal-UE jiggwidaw l-għoti ta' għajnuna umanitarja. L-UE tinnota li l-Ukrajna għandha kapaċitajiet biex tippovdi interventi umanitarji u tipparteċipa fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili. L-UE tinnota wkoll li l-Ukrajna għandha qafas legali nazzjonali fis-seħħ, li huwa parzjalment allinjat mal-acquis tal-UE f'dan il-qasam. L-UE tistieden lill-Ukrajna tiżviluppa qafas ta' politika strateġiku għall-għoti ta' għajnuna umanitarja lil pajjiżi mhux tal-UE f'konformità mal-politiki u l-prinċipji tal-UE.

L-UE tinnota li fir-rigward tal-**ġlieda kontra l-korruzzjoni fir-relazzjonijiet esterni**, l-Ukrajna għandha qafas legali kif ukoll strateġija nazzjonali fis-seħħ għall-ghlieda kontra l-korruzzjoni. L-UE tistenna li l-Ukrajna tintensifika l-ghlieda kontra l-korruzzjoni permezz ta' infurzar effettiv u sostnut tal-miżuri kontra l-korruzzjoni, inkluż miżuri preventivi u sensibilizzazzjoni.

2. Kapitolu 31 – Politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża

L-UE tilqa' l-fatt li minkejja l-isfidi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa, il-politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża tal-Ukrajna huma ggwidati u jirriflettu l-għażla strateġika tal-Ukrajna lejn is-sħubija fl-UE.

Fir-rigward tal-**istituzzjonijiet u l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet**, l-UE tinnotta li l-Ukrajna tinsab fit-triq it-tajba biex tħejji għall-implimentazzjoni effiċjenti u f'waqtha u biex tipparteċipa fil-PESK u l-PSDK u ser tkun tista' tadatta l-amministrazzjoni u l-kapaċitajiet tagħha fil-futur. L-UE tissottolinja d-**djalogu politiku** estensiv tagħha mal-Ukrajna, li kompli jintensifika fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. L-Ukrajna żżomm dijalogu politiku mill-qrib u intensiv u ffirmat ftehimiet bilaterali dwar is-sigurtà mal-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE, li huma komplementari għall-impenji konġunti ta' sigurtà bejn l-UE u l-Ukrajna. L-UE tieħu nota tar-rwol attiv tal-Ukrajna fit-teħid ta' pożizzjonijiet allinjati mal-valuri u l-interessi ta' politika barranija tal-UE u l-isforzi biex tintensifika l-ħidma diplomatika tagħha mas-sħab dinjija fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u s-sensibilizzazzjoni b'appoġġ għal paċi ġusta, dejjiema u komprensiva.

Fir-rigward tal-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)**, l-UE tinnotta li, fl-2024, l-Ukrajna laħqet rata ta' allinjament ta' 95 % mad-dikjarazzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli fisem id-Deċiżjonijiet tal-UE u tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi. L-UE thegġegħ bil-qawwa lill-Ukrajna tieħu aktar passi konkreti lejn allinjament sħiħ mad-dikjarazzjonijiet mir-Rappreżentant Għoli fisem l-UE u d-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi, f'konformità mal-prinċipji tas-sovraniżmu u l-integrità territorjali tal-istati kollha, bil-ħsieb li tilħaq 100 % tal-allinjament sad-data tal-adeżjoni.

L-UE tinnotta li l-Ukrajna hija parzjalment allinjata mal-acquis tal-UE dwar il-**miżuri restrittivi**. L-UE tistenna li l-Ukrajna tallinja bis-sħiħ mar-reġimi kollha ta' sanzjonijiet tal-UE sad-data tal-adeżjoni u tinnotta l-isforzi mill-awtoritajiet biex itejbu l-leġiżlazzjoni u l-mekkaniżmi nazzjonali tagħha rigward is-sanzjonijiet, b'mod partikolari għall-implimentazzjoni effettiva tas-sanzjonijiet tal-UE u biex tiġġieled iċ-ċirkomvenzjoni. L-UE tistieden lill-Ukrajna tkompli ssaħħaħ il-qafas tagħha għall-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet f'konformità mal-acquis tal-UE.

L-UE tinnota l-impenn tal-Ukrajna li tkompli tappoġġa u tipparteċipa fil-miżuri u l-azzjonijiet implimentati mill-UE fil-qasam tal-**prevenzjoni tal-konflitti**. L-UE tinnota li l-qafas leġiżlattiv u tekniku tal-Ukrajna dwar il-prevenzjoni tal-konflitti huwa parzjalment allinjat mal-acquis tal-UE. Fil-kuntest tal-PSDK, l-UE tistieden lill-Ukrajna tkompli tnaqqas id-distakk bejn it-twissija bikrija u l-azzjoni bikrija, filwaqt li tiżgura li l-analiżi tiggwida l-azzjonijiet ta' prevenzjoni tal-konflitti b'mod integrat.

Fir-rigward tan-**nonproliferazzjoni**, l-UE tinnota li l-Ukrajna tappoġġa l-oġġettivi tal-UE dwar id-diżarm, il-kontroll tal-armi u n-nonproliferazzjoni u tinsab lesta tadotta u timplimenta l-acquis relatat. L-UE tieħu nota li l-Ukrajna hija stat parti għall-ftehimiet internazzjonali ewlenin kollha li jikkonċernaw in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, kif ukoll fil-qasam tal-armi konvenzjonali. L-UE tissottolinja l-importanza tal-allinjament mal-pożizzjonijiet tal-UE f'diversi fora internazzjonali dwar in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi, prijorità importanti tal-UE. L-UE thegġegħ lill-Ukrajna biex tirratifika t-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi; biex tibqa' impenjata għall-għan umanitarju u biex tippreserva u tmexxi 'l quddiem, kemm jista' jkun, il-kisbiet dinjija tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Mini Kontra l-Persunal u r-rwol tagħha; u biex tallinja l-qafas legali tagħha tal-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi mal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK.

L-UE tieħu nota tal-isforzi tal-Ukrajna biex tikkontrolla l-manifattura, l-akkwist, l-identifikazzjoni, ir-reġistrazzjoni, il-ħżin u l-protezzjoni ta' **armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW)**. L-UE tilqa' l-fatt li l-Ukrajna qed tħejji strateġija nazzjonali (pjan direzzjonali) għall-ġlieda kontra t-traffikar illegali tas-SALW u l-prevenzjoni tiegħu, ibbażata fuq valutazzjoni komprensiva tat-theddid nazzjonali, bil-ħsieb li tiġi adottata sa Diċembru 2025. L-UE tistieden lill-Ukrajna tiddekrivi fl-istrateġija l-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet nazzjonali, l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu f'perjodu ta' żmien speċifikat, u l-finanzjament tagħhom u tadottah u timplimentah minnufih, filwaqt li tieħu vantaġġ sħiħ mill-assistenza mqiegħda għad-dispożizzjoni mill-UE u s-sħab internazzjonali. L-Ukrajna għamlet progress fil-qasam tal-kontroll tas-SALW u għandha tkompli tibni rekord solidu, inkluż b'kont meħud tar-riskju tat-traffikar illeċitu ta' armi.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni ma' **organizzazzjonijiet internazzjonali**, l-UE tinnota li l-Ukrajna qed taħdem ma' aktar minn 80 organizzazzjoni internazzjonali, inkluż istituzzjonijiet ewlenin bħan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill tal-Ewropa, u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa. L-UE tilqa' l-fatt li l-Ukrajna hija Stat Parti għall-Istatut ta' Ruma, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025. L-UE tinnota l-allinjament konsistenti tal-Ukrajna mal-pożizzjonijiet tal-UE f'fora internazzjonali u tieħu nota pożittiva tal-involviment attiv tal-Ukrajna fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u l-impenn tagħha għal viżjoni kondiviża ta' paċi, responsabbiltà u ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli.

L-UE tieħu nota pożittiva tal-involviment attiv tal-Ukrajna **f'fora internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem** kif ukoll l-allinjament tagħha mad-dikjarazzjonijiet u l-pożizzjonijiet tal-UE fihom. L-UE tilqa' l-impenn tal-Ukrajna li tkompli tallinja l-prijoritajiet tagħha fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru III (GAP III), kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà.

L-UE u l-Ukrajna kkonkludew Ftehim dwar is-Sigurtà tal-Informazzjoni (SIA) dwar il-protezzjoni reċiproka ta' informazzjoni klassifikata li ilu fis-seħħ mill-2007. Il-leġiżlazzjoni u l-qafas istituzzjonali tal-Ukrajna huma ġeneralment kompatibbli mal-istandards tal-UE. L-UE tissottolinja li huwa meħtieġ aktar adattament tal-leġiżlazzjoni u l-miżuri fiżiċi u kriptografiċi biex l-Ukrajna tkun f'pożizzjoni li tiskambja elettronikament informazzjoni klassifikata CONFIDENTIEL UE/UE CONFIDENTIAL u oġġla.

L-UE tinnota l-qafas sod tal-Ukrajna u tilqa' l-approċċ ta' gvern sħiħ tagħha għall-ġlieda kontra t-**theddud ibridu**. L-UE tistieden lill-Ukrajna tkompli taġġorna l-liġijiet rilevanti u tallinjahom mal-acquis tal-UE.

L-UE tneġġeġ lill-Ukrajna tkompli bl-isforzi tagħha biex tagħlaq l-ispazju għall-**manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin** (FIMI), inkluż id-diżinformazzjoni. L-Ukrajna mistiedna tassensja r-rappreżentanti tal-Ukrajna fil-Grupp ta' Ħidma UE-Ukrajna dwar il-Komunikazzjonijiet Strateġiċi u tiffoka fuq is-Sett ta' Għodod FIMI tal-UE u l-adozzjoni ta' Servizzi Diġitali allinjati mal-Att. L-UE tieħu nota tal-intenzjoni tal-Ukrajna li tingħaqad mat-Tarka Ewropea għad-Demokrazija.

Minħabba l-kuntest tal-invażjoni fuq skala sħiħa u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kooperazzjoni militari u ta' sigurtà bejn l-UE u l-Ukrajna ssaħħet b'mod sinifikanti b'mod partikolari fil-qafas tal-**Faċilità Ewropea għall-Paċi**.

L-UE tilqa' ż-żieda fil-kooperazzjoni mal-Ukrajna fi kwistjonijiet relatati mas-**sigurtà u d-difiża**, diskussi regolarment fil-kuntest tad-Djalogi bejn l-UE u l-Ukrajna u dwar id-Difiża u formati oħra, u tieħu nota tal-interess tal-Ukrajna li tiżviluppa l-kapaċitajiet tal-industrija tad-difiża Ukrena permezz tal-integrazzjoni tagħha fil-bażi industrijali tad-difiża tal-UE.

L-UE tieħu nota tal-kontributi preċedenti tal-Ukrajna għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal- ta' maniġġar ta' kriżijiet tal-UE fl-ambitu tal-**Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK)**, inkluż għall-EUFOR Althea fil-Bożnija-Ħerzegovina u l-EUNAVFOR ATALANTA li ġew sospiżi wara l-introduzzjoni tal-liġi marzjali. Konsegwenza tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, il-kooperazzjoni militari u ta' sigurtà bejn l-Ukrajna u l-UE u l-Istati Membri tagħha ssaħħet b'mod sinifikanti inkluż permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (permezz tal-Miżuri ta' Assistenza għall-forniment ta' tagħmir militari), u l-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine) u l-Missjoni ta' Konsulenza tal-UE għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine). L-Ukrajna lesta li terġa' tibda l-parteeipazzjoni attiva tagħha fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK tal-UE ladarba l-kundizzjonijiet jippermettu li jerġgħu jibdwew l-impenji esterni.

L-UE tieħu nota tal-interess tal-Ukrajna li tipparteċipa fi proġetti ta' **Kooperazzjoni Strutturata Permanenti** (PESCO). L-UE tistieden lill-Ukrajna tkompli bl-isforzi tagħha biex tipparteċipa fi proġetti rilevanti tal-PESCO fil-futur. Bħala qafas immexxi mill-Istati Membri, tali talbiet l-ewwel jiġu evalwati mill-parteeipanti tal-proġetti rispettivi.

L-UE tinnota li fir-rigward tal-**ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża**, huma meħtieġa aktar passi deċiżivi biex jiġu indirizzati r-riskji ta' korruzzjoni fis-settur tad-difiża fil-kuntest tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-UE tistieden lill-Ukrajna ssaħħaħ il-qafas istituzzjonali tagħha biex iżżid it-trasparenza u r-responsabbiltà, timmodernizza s-sistemi tal-akkwist tad-difiża, u trażżan il-prattiki korrotti fis-sistemi ta' kumpens militari.

* * *

Fid-dawl tal-istat preżenti tat-tnejjiet, l-UE tinnota li, bil-fehim li l-Ukrajna għandha tkompli tagħmel progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE kopert mill-kapitoli li ġejjin u fl-implimentazzjoni tiegħu, dawn il-kapitoli jistgħu jingħalqu proviżorjament biss ladarba jkun maqbul mill-UE li l-parametri referenzjarji li ġejjin ikunu ġew issodisfati:

Kapitolu 30 – Relazzjonijiet esterni

- L-Ukrajna allinjat il-qafas legali tagħha mad-dispożizzjonijiet li fadal tar-Regolament (UE) 2021/821 dwar il-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju, kif emendat, mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/452 dwar l-iskrinjar tal-IDB, kif emendat, u mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/125 kontra t-tortura.
- L-Ukrajna ppreżentat lill-Kummissjoni pjan ta' azzjoni b'inventarju komprensiv tal-ftehimiet internazzjonali tagħha bl-għan li dawn il-ftehimiet jinġiebu f'konformità mal-acquis tal-UE mill-jum tal-adeżjoni.

Kapitolu 31 – Politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża

- L-Ukrajna tadotta strateġija nazzjonali u pjan ta' azzjoni għall-ġlieda kontra t-traffikar u l-pussess illegali ta' armi tan-nar, munizzjon u splussivi fil-qasam tal-kontroll tas-SALW, li jiddeskrivu l-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet nazzjonali, l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu f'perjodu ta' żmien speċifikat, u l-finanzjament tagħhom, u tagħmel progress konkret fl-implimentazzjoni tagħhom.

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE u fl-implimentazzjoni tiegħu ser ikompli matul in-negozjati. L-UE tissottolinja li ser tagħti attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmijin hawn fuq bil-ħsieb li tiżgura l-kapaċità amministrattiva tal-Ukrajna, il-kapaċità tagħha li tlesti l-allinjament legali fis-setturi kollha taħt din il-ġabra, kif ukoll progress ulterjuri fl-implimentazzjoni u l-infurzar. Jeħtieġ li jitqiesu b'mod partikolari r-rabtiet bejn il-kapitoli ta' din il-ġabra u kapitoli oħra ta' negozjar. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġiżlazzjoni tal-Ukrajna mal-acquis tal-UE kif ukoll tal-kapaċità ta' implimentazzjoni tagħha tista' ssir biss fi stadju aktar tard tan-negozjati.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, il-Konferenza ser ikollha terġa' lura għal din il-ġabra f'mument xieraq.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm acquis tal-UE ġdid bejn it-8 ta' Lulju 2026 u l-konklużjoni tan-negozjati.